MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR. NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2013

Numru. 1144/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**-vs-**

**Dominic Mercieca**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, Dominic Mercieca ta’ 33 sena, iben Raymond u Genoveffa nee` Micallef, imwieled il-Pieta` nhar it-13 ta’ Frar 1980, residenti gewwa 6, Triq il-Freres, Gzira u detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 131780(M):

1. Billi akkuzat talli nhar it-18 ta’ Novembru 2013, ghall-habta tat-tlieta u ghaxra ta’ wara nofs in-nhar (15.10hrs), f’dawn il-Gzejjer u cioe’ fi Triq ix-Xatt, Gzira, kkommetta serq ta’ handbag kontenenti diversi oggetti

fosthom flus kontanti u mobile phones li l-valur taghhom jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€232.94), izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u li sar ghad-detriment ta’ Linda Johanna Nilsson u/jew ta’ persuni ohra;

2. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr. Anthony Vella LL.D fid-digriet tieghu ta’ nhar il-11 ta’ Settembru 2013 li bih tat il- helsien mill-arrest taht garanzija personali ta’ €3,000 u fost kundizzjonijiet ohra li ma jaghmilx reat iehor.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja, wara li nghata zmien xieraq biex iwiegeb;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, kif registrati fis-seduta tad-19 ta’ Novembru 2013, meta sar l-ezami tal-imputat ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba u jerga’ lura minnha;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat. Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fedina penali tieghu, kif ukoll illi *r-res furtiva* giet ritornata. Il-Qorti semghet, waqt it-trattazzjoni tal-partijiet u kkunsidrat, illi l-imputat ghandu l-vizzju tad-droga u dan wasslu sabiex jikkommetti r-reati odjerni. Il-Qorti semghet ukoll illi l-imputat diga` qieghed jaghmel *group sessions* fi hdan l-Agenzija Caritas u illi mistenni jidhol fi programm residenzjali fil-jiem li gejjin, gewwa San Blas. Il-Qorti qieset ukoll illi fid-dawl ta' dan kollu, il-Prosekuzzjoni m'hijiex tinsisti fuq piena karcerarja effettiva.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(b), 261(c), 267 279(a) u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu u qeghda tikkundannah ghal **piena ta' sena prigunerija** li, b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **qeghda tigi sospiza ghal perjodu ta' tliet (3) snin** mid-data ta' din is-sentenza.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Supervizjoni ta' Ufficjal Sorveljanti ghal zmien tliet (3) snin mil-lum u dan taht il-kundizzjonijiet indikati fl-Ordni ta' Supervizjoni hawn anness, liema Ordni ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole*.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car il-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, waqt il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza, kif ukoll l-effetti tal-Ordni ta' Supervizjoni.

Ghal fini tal-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti **mhijiex** qeghda tordna illi l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija jigi konfiskat favur il-Gvern ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------